MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-28 ta' Frar, 2006

Citazzjoni Numru. 35/2006

Dr. Gavin Gulia bhala mandatarju specjali ta' l-assenti Alex Casha u b' nota tat-28 ta' Frar 2006 Alex Casha assuma l-atti tal-kawza flok Dr. Gavin Gulia
vs
Annetta Barry kif ukoll Dr. Anthony Cutajar u l-P.L. Louisa Tufigno bhala kuraturi deputati in rapprezentanza ta' l-assenti Derek Barry

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni ta' l-attur nomine li biha ppremetta:

Illi l-atturi kienu l-proprjetarji tal-fond Rosanne, Flat 29, Birbal Street, Balzan filwaqt li l-konvenuti kienu l-inkwilini skond skrittura ta' kera tas-27 ta' Gunju, 2000 (Dok A).

Illi t-terminu tal-kera kien skada u l-atturi ma kienux estendew il-kirja kif kiej irrizulta mill-ittra ufficjali tat-23 ta' Settembru 2005 u kopja taghha giet annessa mac-

citazzjoni u mmarkata bhala Dok B, li permezz taghha l-atturi ma kkongedewx il-kirja.

Illi l-konvenuti ma kellhomx titolu validu fuq il-fond in kwistjoni.

Illi kienu jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi a tenur tal-artikoli 167 et sequitur tal-Ligijiet ta' Malta stante li l-konvenuti ma kellhomx titolu validu fuq il-fond imsemmi u fil-fehma tal-attur il-konvenuti ma kellhomx eccezzjonijiet x'jaghtu ghat-talba tal-atturi.

L-attur nomine talab lill-Qorti biex:

1. Tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa tas-smiegh a tenur tal-artikoli 167 et sequitur tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tikkundanna lill-konvenuti jizgumbraw mill-fond Rosanne, Flat 29, Birbal Street, Balzan fi zmien qasir u perentorju ghar-ragunijiet fuq imsemmija.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-23 ta' Settembru 2005 kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda, u d-dokumenti prezentati mill-attur nomine.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Rat id-dikjarazzjoni ta' Dr. Gavin Gulia li fiha semma li l-atturi kienu l-proprjetarji tal-fond Rosanne, Flat 29, Birbal Street, Balzan filwaqt li l-konvenuti kienu l-inkwilini skond skrittura ta' kera tas-27 ta' Gunju, 2000. Illi t-terminu tal-kera kien skada u l-atturi ma kienux estendew il-kirja kif kien irrizulta mill-ittra ufficjali tat-23 ta' Settembru 2005 u kopja taghha giet annessa mac-citazzjoni u mmarkata

bhala Dok B, li permezz taghha l-atturi ma kkongedewx il-kirja. Illi l-konvenuti ma kellhomx titolu validu fuq il-fond in kwistjoni.

Rat illi llum Alex Casha pprezenta nota li biha assuma l-atti tal-kawza flok Dr. Gavin Gulia.

Illi Dr. Anthony Cutajar ipprezenta nota b'dokumenti filwaqt li ddikjara li ghalkemm hu kien ipprova jikkorrispondi ma' Derek Barry l-ittri tieghu kienu ntbaghtu lura.

Rat illi l-konvenuta Annette Barry assistita minn Dr. Mark Fenech il-lum iddikjarat li hi kienet disposta titlaq mill-fond imsemmi fi zmien xaharejn mil-lum purche` jigi koncess lilha dan it-terminu mill-attur, u li l-attur assistit mimm Dr. Gavin Gulia qabel ma' dan.

Rat illi l-partijiet talbu li tinghata sentenza f'dan is-sens.

**D. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk peress li t-talba tal-atturi tidher gustifikata, u peress li hemm ammissjoni tal-konvenuta Annette Barry, il-Qorti tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa tas-smiegh a tenur tal-artikoli 167 ***et sequitur*** tal-Ligijiet ta' Malta u tikkundanna lill-konvenuti jizgumbraw mill-fond Rosanne, Flat 29, Birbal Street, Balzan fi zmien xaharejn mil-lum ghar-ragunijiet fuq imsemmija.

Spejjez kontra l-konvenuti hlief dawk tal-kuraturi deputati li huma a karigu tal-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------